MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KEVIN MOMPALAO

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2015

Talba Numru. 40/2013

Marija armla ta' Pietru Camilleri.

Vs

Richard Xuereb fil-kwalita tieghu ta' mandatarju ta' ommu imsiefra Carmen armla ta' Martinu Xuereb u b'digriet tal-24 ta' Jannar 2014 gew kjamati in kawza Victoria Hili, Richard Xuereb, Sherry Xuereb Dalli, Paul Xuereb, Ronald Xuereb u Michael Xuereb u Jeffrey Xuereb u b'digriet tat-13 ta' Frar 2014 Carmela Xuereb assumiet l-atti f'isimha propju stante ir-ritorn taghha f'dawn il-gzejjer kif ukoll ghan nom ta' l-imsefrin Sherry Xuereb Dalli, Paul Xuereb u Michael Xuereb.

**It-Tribunal:-**

Ra l-avviz tat-talba prezentat fil-11 ta' Ottubru tas-sena elfejn u tlettax (2013) li permezz tieghu l-atturi talbu illi l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' tlett elef mitejn u wiehed u sittin Ewro u disgha centezmi (€ 3261.09) dovuti bhala arretrati ta' cens fuq in-nofs indiviz ta' porzjon art msejjah 'Tat-Troppu' fi Triq San Gwann, Nadur, Ghawdex tal-kejl ta' circa 515 metri kwadri skond kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Paul George Pisani tal-21 ta' Ottubru 1991 mis-sena 2005 sas-sena 2012.

Il-konvenut nomine laqa' ghal din it-talba billi eccepixxa (1) in-nuqqas ta' integrita tal-gudizzju stante illi kellhom jitharrku wkoll persuni ohra cioe l-eredi ta' Martin Xuereb.(2) l-preskrizzjoni fit-termini ta' l-artikolu 2156 (a) kwantu din tolqot parti mit-talba; f'din l-eccezzjoni gie ukoll inkluz li l-eredi ta' Martin Xuereb qatt ma gew interpellati ghal hlas (3) kemm il-darba hu dovut xi cens dan gie pacut ma ammonti ta' flus li l-attrici kellha taghti lil eccippjenti in parti ghal spejjes gudizzjarji fil-kawza Maria Camilleri vs Martinu Xuereb u in parti fi flus ghal kera tal-fond 3, Triq San Gwann Nadur, Ghawdex

Ra' id-digriet tieghu tal-24 ta' Jannar 2014 fejn saret il-kjamata in kawza ta' Victoria Hili, Richard Xuereb, Sherry Xuereb Dalli, Paul Xuereb, Ronald Xuereb u Michael Xuereb u Jeffrey Xuereb.

Ra l-verbal tat-13 ta' Frar 2014 li permezz tieghu l-kjamati in kawza assocjaw ruhhom fl-eccezzjonijiet tal-konvenut.

Ra l-atti kollha u d-dokumenti kollha esebiti.

Sema x-xhieda bil-gurament u ra t-traskrizzjonijiet ta' l-istess xhieda.

Ra' d-digrieti kollha tieghu nkluz dak tal-5 ta' Dicembru 2014 li permezz tieghu din il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ikkunsidra.

Illi l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut giet sorvolata bil-kjamata in kawza illi saret, u ghalhekk din l-eccezzjoni ser tigi mwarrba.

Illi it-tieni eccezzjoni hija dik tal-preskrizzjoni fit-termini tal-artikolu 2156 (a) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Din l-eccezzjoni ser tigi kkunsidrata qabel kull indagni ohra fil-mertu stante illi kemm il-darba tigi akkolta kull indagni ulterjuri fil-mertu tkun inutli. Dan l-artikolu jippreskrivi talbiet ghal hlas ta' cnus bid-dekors ta' hames snin. Kwindi ictu oculi jidher illi t-talba ghal hlas tac-cens ghas-snin 2005, 2006, 2007 hija preskritta.

Pero jekk wiehed jindaga aktar fil-fond johrog illi fit-tielet eccezzjoni qed tigi eccepita t-tpacija. Wiehed irid jezamina jekk din l-eccezzjoni hijiex kompatibbli mal-eccezzjoni

tal-preskrizzjoni. Fil-fatt l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni lanqas tista' tigi akkolta in kwantu din hi nkompatibbli mas-sistema ta' difiza tal-konvenut fil-mertu. Dan huwa dezunt mill-fatt illi l-konvenut eccepixxa l-kontestazzjoni ta' l-ammont permezz tal-eccezzjoni tal-kompensazzjoni. Issir referenza f'dan ir-rigward id-decizjonijiet a Vol XXVI pI p441, Vol
XXXII pI p639, u dik l-ohra fl-ismijiet "Anthony Guillaumier –vs- Joseph Cassar Aveta noe", Appell, 9 ta' Dicembru 1998. Ma' dawn jistghu jizdiedu d-decizjonijiet ohra bhal "Antonia Attard Gialanze –vs- Emmanuel Rizzo et", Sede Inferjuri, 29 ta' Jannar 1998 u dik fl-ismijiet "Victor Calleja noe –vs- Nazzareno Vassallo et noe", Appell, 5 ta' Ottubru 1998; Lorrry Cuschieri vs Onor. Ministru ta' l-Ambjent (Appell Sup 25/02/2005); Eucheristico Gauci vs Jesmond Borg et (Appell Inf 14/07/2004); Guido J Vella vs Dr Emmanuel G. Cefai (Appell Sup 05/10/2001).

Din it-Tribunal ma jistax ma jaqbilx mal-indirizz segwit fil-precitati decizjonijiet u, anzi hu wkoll jammetti bhala proposizzjoni guridika korretta t-teorija propunjata minn awturi bhal Aubry et Rau (Vol VIII para 776) u t-Troplong ("Prescrizione" No 67) illi "quando il debitore senza negare in sostanza di essere tale, si limita a discutere ed impugnare l'ammontare dovuto, vi ha rinunzia tacita alla prescrizione".

Kif manifest minn dawn is-sentenzi jezistu sitwazzjonijiet fejn il-preskrizzjoni eccepita ma jibqala' l-ebda valur meta din takkompanja eccezzjoni ohra li maghha hija nkonciljabbli u nkompatibbli. Dan jigri, tipikament, fejn, bhal fil-kaz de quo, l-attitudni tad-debitur ma tkunx dik tad-difiza tal-inezistenza tad-debitu (bhal fil-kaz a Vol XXVIII pI p297 u Vol XXXIX pI p54) jew tac-cahda tad-dritt u l-azzjoni tal-attur izda tas-semplici kontestazzjoni tal-ammont.

Konformement bhal fil-kaz tal-eccezzjoni tal-kompensazzjoni, eccezzjoni konsimili timporta rikonjizzjoni tad-dejn u dan ir-rikonoxximent jinterrompi l-preskrizzjoni, u jimporta wkoll rinunzja ghall-preskrizzjoni li tkun gja kompjuta. Ara a propositu Kollez Vol XXXIV pI p326 u "Raymond Vella –vs- Moby Rentals Ltd", Appell Inf 22 ta' Novembru 2001.

Minn dan kollu kommentat u fuq l-iskorta tal-gurisprudenza prevalenti; li tidher ukoll li hi wahda kostanti, jista' ragjonevolment jinghad illi bil-mod kif wiegeb il-konvenut nomine u mieghu il-kjamati in kawza fl-eccezzjoni taghhom fil-mertu huma gew li kienu  qed jaghrfu li ghandhom jaghtu, ghalkemm mhux l-ammont kif mitlub u pretiz mill-attur.

Hu wkoll pacifiku illi dan kollu ghandu jibqa sod, anke jekk tali eccezzjoni inkompatibbli li tkun inghatat fil-meritu tkun inghatat bla pregudizzju ghall-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

B'hekk b'dan il-mod jista' jigi konkluz illi l-preskrizzjoni kienet qed tigi interrotta jew rinunzjata. Ara wkoll b'zieda ma' dawn fuq citati d-decizjonijiet a Vol XLII pI p153; Vol XLIII pII p744 u Vol XLV pII p632, fost bosta ohrajn. It-tieni eccezzjoni ghalhekk qed tigi respinta.

Fil-mertu jidher illi l-attrici pruvat it-talba taghha u cioe illi cens dovut lilha kif jirrizulta mill-kuntratt tal-21ta' Ottubru 1991 in atti tan-Nuar Dottor Paul George Pisani u cioe ic-cens ta' mitejn Liri Maltin pari ghal erba mija u hamsa u sittin Ewro u sebgha u tmenin centzmu (€ 465.87) baqa' mhux imhallas.

Il-koncessjoni emfitewtika saret minn Ursola Camilleri li l-eredi taghha hija l-attrici. Il-konvenuta u l-kjamata in kawza irrinunzjaw ghal l-eredita ta' Ursola Camilleri u zammew ferm id-dritt ghal porzjon riservat.

It-Tribunal jinnota illi l-att sar ma Carmen Xuereb wehedha u ghalhekk ma kienx hemm il-bzonn tal-kjamati in kawza ghall-integrita tal-gudizzju. Il-gudizzju kien gia integru.

Fis-seduta tas-6 ta' Gunju 2014 Marie Louise Muscat ikkonfermat illi d-debitu kollu ghadu dovut.

Il-konvenuta Carmen Xuereb ma gabet l-ebda prova ghal xhiex dan id-debitu ma kellux jithallas. Dwar it-tpacija hi esebiet sentenza bejn il-kontendenti fejn l-attrici giet ikkundannata thallas l-ispejjes. Dan kien titlu ezekuttiv u l-konvenuti setghu esegwewh meta riedu u ghadhom b'dan id-dritt. Izda dan it-titlu ma jistax iservi biex jinnewtralizza t-talba odjerna. Dan ghaliex it-titlu mhux gawdut mill-konvenuta wehidha, izda mill-konvenuti u terzi. Ghalkemm uhud (mhux kollha) minn dawn it-terzi huma parti f'din il-kawza dawn qed jigu liberati minn l-osservanza tal-gudizju.

F'dawn ic-cirkostanzi it-talba attrici timmerita li tintlaqa.

Dan it-Tribunal ma jistax ma jinnotax il-mod kif il-partijiet specjalment l-atturi nfushom tawlu hafna dan il-kaz ghal xejn, b'talbiet ghal differimenti kontinwi ghal raguni jew ghal ohra. Jemmen ghalhekk illi fic-cirkostanzi l-attrici ghandha wkoll tispalla parti minn l-ispejjes tal-kawza.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal jaqta u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa t-talbiet ta' l-attrici fil-konfront ta' Carmen Xuereb u filwaqt li jillibera lil konvenuti minn l-osservanza tal-gudizzju, jikkundanna lil konvenuta Carmen Xuereb thallas lil attrici is-somma ta' tlett elef mitejn u wiehed u sittin Ewro u disa' centezmi (€ 3261.09). Bl-imghax mid-data ta' dan l-avviz l-quddiem. L-ispejjes fic-cirkostanzi jitbghatew 2/5 minn l-attrici u 3/5 mill-konvenuta.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------